sjoni rappreżentativa tas-soċjetajiet letterarji għall-proposti ta' rati ġodda ta' ħlas ta' awturi u kontributuri fl-istampa u fit-trasmissjonijiet minn fuq ir-Rediffusion, u nistgħu ngħidu li l-kooperazzjoni tiegħu swiet mhux ftit biex il-kummissjoni rnexxielha tikseb l-iskop tagħha.

---

Nifirħu wkoll lis-Sur Victor Apap, Teżorier tal-Għaqda, li wara eżami, laħaq il-kariga ta' *Executive Officer*. Is-Sur Victor Apap dan l-aħħar kien l-Istamperija tal-Gvern, għall-ewwel bit-titlu ta' *Traduttur Anzjan tad-Dokumenti bil-Malti*, titlu li wara riforma li saret fil-klassifikazzjoni tas-Servizz Ċivili tal-Gvern kien inbidillu f'dak ta' *Higher Clerical Officer*. Il-lum is-Sur Apap tqiegħed fl-*Uffiċċju Ċentrali ta' l-Informazzjonijiet* bil-kariga speċjali ta' *Editur tal-Gazzetta tal-Gvern*.

Is-Sur Victor Apap, fil-kamp letterarju, hu magħruf bħala kittieb ta' proża Maltija narrativa, teatrali u radjo-drammatika.

---

## INŻUL IX-XEMX TAT-2 TA' MEJJU 1952.

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

Inżul ix-xemx saħħâr tat-tnejn ta' Mejju
elf disa' mija u tnejn u ħamsin,
li d-dwal t'għajnejja qed jistriħu fuqek
u jħarsu lejn sbuħitek, mistagħġbin,

li kieku nista' l-Punent kollu naqta'
hekk kif hu mimli u mħeġġeġ bin-nirien,
u nżommok fi gwarnic, kwadru, f'kamarti,
biex tibqa' tgħix bla tmut kif immut jien.

Għax bħalek qatt ma rajt u ftit nittama
li sejjer nara fil-jiem li ġejjin,
tant int saħħâri! u tant inti qawwi!
tant int qalil u ħiemed fl-istess ħin!

Kważi tħajjarni nħalli d-dinja tagħna
u niġi negħreq fik, baħar ħamran,
biex jew nintilef fost il-ħruq u l-ħġejjeġ
jew ta' Saltna ta' Ġmiel insir Sultan.



# SIĠĠIJIET

*Ta'* VINCENT CARUANA

GĦALKEMM il-bniedem fl-istat normali tiegħu jimxi bil-wieqfa ma jistax idum żmien twil wieqaf bla ma jegħja. Għalhekk ikollu jserraħ ġismu jew billi jimtedd jew billi joqgħod bil-qiegħda. Is-siġġijiet qegħdin mela biex iservu ta' ġid u serħan għall-bniedem.

Iżda fid-dinja tista' tgħid li kull ħaġa li saret biex tagħmel il-ġid, il-bniedem minn xi daqqiet irnexxielu jużaha biex jagħmel il-ħsara biha. Dak il-bniedem, kien min kien, li għamel l-ewwel darba siġġu, għamlu bil-ħsieb umanitarju biex bniedem li jkun għajjien ipoġġi bil-qiegħda. Qatt ma ħolom dak il-bniedem li għamel l-ewwel siġġu, illi tista' tqum ġlieda u jibdew jagħtu bis-siġġijiet u jwaddbuhom lil xulxin. Lanqas ma ġieh f'rasu li jista' jkun hawn xi ħadd jiċċajta goff u jneħħilek is-siġġu fil-ħin sewwa li tkun ser tpoġġi, jew li jista' jkun hawn min jagħmel xi ħaġa twaħħal fuq xi siġġu biex min ipoġġi jeħel miegħu. U lanqas qatt seta' jobsor dak il-bniedem bikri li tana **l-ewwel siġġu, li s-siġġu** jista' jservi ta' tentazzjoni biex il-bnedmin jonqsu mill-manjieri puliti billi waqt li jkunu bil-qiegħda jtellgħu saqajhom fuq il-mejda. Tassew li fil-films ġie li tara artisti jagħmlu hekk, imma ħadd m'hu marbut li jikkopja l-ksuħat li joħorġu minn Hollywood, dak il-pajjiż fejn fuq il-liżar abjad jippreżentawlna l-istramberiji bħala l-ħajja ta' kuljum.

Il-bniedem mhux magħruf li ta s-siġġu għall-użu ta' l-umanità; aktarx li ħares lejn l-opra tiegħu b'xeħta ta' soddisfazzjon u fil-waqt li taptap fuq sidru bil-pali ta' idejh qal: "Ismi issa jsir immortali, għax il-ġenerazzjonijiet ġejjiena jibqgħu jqimuni bħala l-inventur ta' oġġett ta' l-ikbar kumdità għall-bniedem". L-inventur tas-siġġu qatt madankollu ma ġieh f'rasu li għalkemm tista' ssib siġġu żlugat li jinkiser taħtek jew siġġu b'xi musmar li jċarrat il-qalziet jew id-dublett ta' min iserraħ fuqu.

Imma miskin, l-inventur tas-siġġu ħadd ma jaf x'jismu, l-istess kif ħadd ma jaf min ivvinta l-ewwel rota li kienet pass kbir 'il quddiem fiċ-ċiviltà bikrija tal-bniedem. Isem l-inventur tas-siġġu, għalhekk, ma baqax immortali, imma ndifen taħt it-tgerbib tas-sekli. U xi dritt għandu l-inventur tas-siġġu jgħid li s-siġġu huwa oġġett ta' **l-ikbar** kumdità għall-bniedem? Forsi s-sodda ma toffrix lill-bniedem iktar kumdità mis-siġġu? Imma